

- c. Jista' jiġi kkunsidrat ukoll titjib fl-ordinament ġuridiku u organizattiv fl-Istat Membru emittenti (introduzzjoni ta' sistema ta' ombudsman, l-istabbiliment ta' qrati penitenzjarji, eċċ.), hekk kif għamlet din l-istanza fid-deċiżjonijiet tagħha ta' ammissibbiltà?
- 2) Permezz ta' liema kriterji għandu jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jirrispettawx id-drittijiet fundamentali għarġarriti mid-dritt tal-Unjoni? Sa liema punt dawn il-kriterji jeftettwaw l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "riskju reali" fis-sens tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Aranyosi u Căldāraru?
- L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandhom f'dan ir-rigward setgħa ta' stħarriġ sħiħ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti jew huma kompetenti biss għal "stħarriġ ta' illegalitajiet manifesti"?
  - Fil-każ li fil-kuntest tal-ewwel domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li hemm rekwiżiti "assoluti" taħt id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni: In-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet minimi jimplika li ma hijiex meħtieġa evalwazzjoni, fis-sens li jkun hemm dejjem "riskju reali" li jipprevjeni l-estradizzjoni, jew l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' xorta waħda jwettaq evalwazzjoni? Ftali każ, jistgħu jittieħdu inknsiderazzjoni aspetti bħaż-żamma tal-assistenza ġudizzjarja bejn l-Istati Membr, il-funzjonament effettiv tal-ġustizzja kriminali Ewropea jew il-prinċipji ta' fiduċċa u rikonoxximent reċiproku?

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membr (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifica fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Landgericht Dresden (il-Ġermanja) fit-22 ta' Frar 2018 – hapeg dresden gmbh vs Bayrische Straße 6-8 GmbH & Co. KG**

**(Kawża C-137/18)**

**(2018/C 268/24)**

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Dresden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: hapeg dresden gmbh

Konvenuta: Bayrische Straße 6-8 GmbH & Co. KG

**Domanda preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(b) u (c) kif ukoll l-ewwel u t-tieni subparagraphi u l-punti (b) u (c) tat-tielet subparagraphu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2006/123/KE<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 (Direttiva "Servizzi"), għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija dik applikabbli fil-kawża prinċipali, li tipprovdli li huwa pprojbit li jiġu miftiehma, fkuntratti konklużi ma' arkitteti u/jew inġiniera, onorarji li huma inqas mill-ammonti minimi tar-remunerazzjoni kkalkolati skont l-iskeda tal-onorarji tal-arkitetti u l-inġiniera?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).